



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6781/21

LIMITE

CORLX 124
CFSP/PESC 207
CONOP 6
CODUN 7
ATO 13

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/299 li tippromwovi n-netwerk Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti dwar in-nonproliferazzjoni u d-diżarm b'apport għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/...

ta' ...

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/299

**li tippromwovi n-netwerk Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti
dwar in-nonproliferazzjoni u d-diżarm b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE
kontra l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1)
tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-
Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Frar 2018 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/299¹.
- (2) Id-Deċiżjoni (PESK) 2018/299 tippredvi perijodu ta' implimentazzjoni ta' 42 xahar, li jibda fid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(3) tiegħu, għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tagħha (“il-perijodu ta’ implimentazzjoni”).
- (3) Fit-18 ta' Frar 2021 il-Konsorzju tal-UE għan-Nonproliferazzjoni u d-Diżarm, fil-kapaċità tiegħu bħala l-entità ta' implimentazzjoni, talab l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni biex testendi l-perijodu ta’ implimentazzjoni sas-17 ta' Mejju 2022 minħabba sfidi li jirriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19 li għadha għaddejja.
- (4) L-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/299 tista' titkompla sas-17 ta’ Mejju 2022 mingħajr ebda konsegwenzi fir-rigward tar-riżorsi finanzjarji.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li id-Deċiżjoni (PESK) 2018/299 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/299 tas-26 ta' Frar 2018 li tippromwovi n-netwerk Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti dwar in- nonproliferazzjoni u d-diżarm b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l- proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva (ĠU L 56, 28.2.2018, p. 46).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2018/299 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 5, paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fis-17 ta' Mejju 2022.";

(2) it-taqsimha 4 tal-Anness huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Tul ta' żmien

It-tul ta' żmien totali stmat għall-implimentazzjoni tal-proġetti hu ta' 48 xahar. Il-proġetti ser jintemmu fis-17 ta' Mejju 2022."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
